MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 273/2007

Kawza fil-lista: 10

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar il-11 ta' Marzu 1989.

Illi l-istess zwieg huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta'

gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejnu u bejn ir-rikorrenti nhar il-hdax ta' Marzu tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin huwa null ai termini tal-Kap. 255.

2. Illi kien unikament il-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg li kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha ai termini tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

3. Illi kien unikament il-kunsens tar-rikorrenti ghal dan iz-zwieg, li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, ai termini ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

4. Illi ghaldaqstant huwa m' ghandu jbati ebda spejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat mill-attrici;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-11 ta’ Marzu 1989 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-istess ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg, unikament lill-attrici.

**Fatti**
Jirrizulta mill-provi li l-partijiet kienu izzewgu fil-11 ta’ Marzu 1989, meta allura kellhom 18-il sena, u l-attrici kellha tlett xhur tqala. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, fil-15 ta’ Settembru 1989 u fit-12 ta’ Ottubru 1991.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tghid li meta hi skopriet li kienet harget tqila, hija riedet issolvi l-problema billi tizzewweg, u minn naha tieghu l-konvenut jghid li hu kien accetta li jizzewweg minhabba t-tqala “Dazgur mela, ma nahsibx li kont ser nizzewweg ta’ tmientax”

Illi il-partijiet kellhom konvivenza matrimonjali turbolenti, u sitt snin wara z-zwieg, il-konvenut kien gie imressaq quddiem il-Qorti tal-Magristrati fuq akkuzi kriminali ta’ stupru vjolent u korruzzjoni ta’ minorenni ghad-dannu ta’ oht l-attrici, u b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-29 ta’ Jannar 1999 il-konvenut kien instab hati u wehel ghaxar snin prigunerija, liema sentenza kienet giet konfermata fil-25 ta’ Gunju 1999 mill-Qoti ta’ l-Appell.

Illi meta tfacca l-kaz, ghal habta tas-sena 1995 l-attrici ssubiet trattament hazin mill-membri tal-familja tal-konvenut u riedet tissepara minn mieghu, izda missierha kien ikkonvinciha mod iehor, u b’ hekk ma talbietx is-separazzjoni f’ dak iz-zmien, ghalkemm kienet irrifjutat li torqod mieghu izjed.

Illi, filwaqt li fil-proceduri odjerna l-konvenut innega l-fatti li hu kien instab hati taghhom, is-sentenza ghaddiet in gudikat u ghalhekk pro veritate habetur.  L-akkuza kienet tirrizali ghal “dawn l-ahhar snin qabel is-sena 1995”, u l-attrici tghid li l-azzjoni kriminuzi kienet tirrizali ghaz-zmien ta’ l-gherusija, u cioe’ qabel iz-zwieg meta, ohtha allura kellha seba [7] snin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-kaz kriminali tal-konvenut jirrizali ghall-ahhar snin qabel is-16 ta’ Gunju 1995, u din il-Qorti hija propensa li temmen li, anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument l-azzjoni kriminuza ma sehhitx meta l-konvenut kien ghadu gharus lill-attrici, izda zgur li bdiet ftit wara z-zwieg.

Il-Qorti thoss li bil-komportament tieghu l-konvenut wera bic-car li f’ dak iz-zmien, forsi wkoll sforz l-eta’ zghira tieghu, huwa ma gharafx l-import tal-hajja konjugali, bid-drittijiet u obbligazzjonijiet li din necessarjament timporta u li li fil-gurisprudenza nostrana  jinsabu defeniti bhala “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community.  It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta’ Marzu 2000].*  Inerenti f’ dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita’ taghhom sabiex tigi stabbilita’ bejniethom the “community of life and love.”

Il-komportament tal-konvenut fiz-zmien vicin id-data taz-zwieg, jimmanifesta nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fit-termini tal-paragrafu [d]

ta’ l-artikolu precitat; u ghalhekk dan il-caput nullitatis jikkonfigura fil-konfront tieghu.

Dan premess u kkunsidrat, it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi miqlugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta’ Marzu 1989. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------